**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Dr. Godwin Aquilina LL.D. *noe*

*versus*

Godwin Abela *noe et*

**Sentenza - Nullità ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-Ewwel Qorti ma segwitx l-iter proċedurali li hi stess stabbiliet għas-smigħ tal-kawża u ddeċidiet il-meritu meta dan ma kienx ġie ttrattat quddiemha u meta kien ġie vverbalizzat li l-Qorti kellha tiehu f'dak l-istadju konsiderazzjoni biss u tiddeċidi l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà appellanti kif fuq aċċennat. Il-Qorti fis-sentenza tagħha mhux biss għaddiet biex tiddeċidi l-meritu qabel ma l-kontendenti kellhom l-opportunità li jipproduċu l-provi tagħhom u jittrattaw dwarhom quddiemha imma wkoll naqset li tiddeċidi eċċezzjoni tas-soċjetà appellanti li kienet tikkontesta proprju r-responsabbilità tagħha għat-talbiet attriċi fuq bażi ta' dritt meta dwar din l-eċċezzjoni kienu saru mill-kontendenti anke sottomissjonijiet bil-miktub limitati għall-punt ta' dritt taħt eżami. Indubbjament allura s-sentenza appellata bir-raġun issorprendiet lill-kontendenti u nghatat in vjolazzjoni tal-prinċipju fondamentali ta' l-*audi alteram partem.

*Is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ġiet annullata kif ġie kostantement ritenut li kellu jsir f'ċirkostanzi simili mill-Qorti ta' l-Appell.*

Il-Qorti:-

Is-soċjetà attriċi pproċediet b'dan l-att taċ-ċitazzjoni *kontra s-soċjetajiet konvenuti il-Cargo Handling Company* Limited u s-Sea Malta Company Limited għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilità għall-ħsarat f'merkanzija ttrasportata fuq ordni tagħha u għal kundanna eventwali għall-ħlas ta' danni:

"Illi permezz ta' ċitazzjoni l-attur *nomine* ppremetta illi d-*ditta attriċi Simonds Farsons Cisk Limited kienet ordnat* kwantità ta' flixken tal-ħġieġ li kellhom jiġu ttrasportati għall-Malta minn Leghorn, l-Italja, li tgħabbew fuq l-m.v. Pinto bil-*polza ta' kariku numru 113 tat-13 ta' Lulju, 1991, bil-marki kif* jidher mill-istess polza ta' kariku li kopja tagħha qed tiġi esebita ma' din iċ-ċitazzjoni; illi dan il-vapur wasal Malta fl-14 ta' Lulju ta' l-1991, u l-merkanzja ġiet skarikata fis-16 ta' Lulju, 1991, u minn verifiki li saru nstab li 2,028 flixkun kienu miksura; illi dawn il-flixken miksura jiswew Lm341.71,8 danni sofferti mid-ditta attriċi; illi l-konvenuti, jew min minnhom, hu responsabbli għall-imsemmi ħsara; talab li l-konvenuti *nomine* jew min minnhom:

Jiġu ddikjarati responsabbli għall-ksur ta' 2,028 flixkun tal-ħġieġ formanti parti mill-merkanzija mportata f'Malta mid-ditta attriċi; u

Konsegwentement, huma jew min minnhom, jiġu kkundannati jħallsu lill-attur *nomine in linea* ta' danni l-imsemmija somma ta' Lm341.71,8 (tliet mija u wieħed u erbgħin lira Maltija, wieħed u sebgħin ċenteżmu u tmien milleżmi);

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti";

Is-soċjetà konvenuta Sea Malta Company Limited eċċepiet in-nuqqas ta' responsabbilità tagħha stante l-kawsola fil-polza ta' kariku *said to contain shippers count and tally*; fil-meritu u kif jirriżulta mit-*tally sheets* il-merkanzija ġiet irrilaxxata mill-vapur mingħajr ebda rimarka u għalhekk ikkonsenjata fi stat tajjeb;

Is-soċjetà konvenuta Cargo Handling Company Limited eċċepiet:

"Illi fl-ewwel lok għandha tiġi ppruvata l-allegata surroga;

Illi fit-tieni lok it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut *nomine* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-merkanzija in kwistjoni kienet fi tnax-il *container* (*open containers*) u ġew ikkonsenjati fl-istess ammont u stat kif waslu Malta u ġew irrilaxxati lil *consignee or his authorised agent* bħala *full load containers*;

Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju għall-premess l-interessi jiddekorru mid-data taċ-ċitazzjoni, stante li si tratta dwar kawża ta' danni (sentenza ta' l-appell Sede Kummerċjali deċiża fis-6 ta' April 1992 - Ċitaz. nru. 112/86 **Dr. Robert Staines u Walter Camilleri *vs* Godwin Abela u John Cavallo u Chev. Silvio Mifsud**). Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri";

Illi permezz ta' nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri l-konvenut Godwin Abela *nomine* eċċepixxa:

"Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġà ssollevati, il-konvenut Godwin Abela *nomine* mhux responsabbli għall-allegati danni u dana *ai termini* ta' l-artikolu 70 tal-*Port Regulations 1966*, peress li tali *containers* huma *unitised cargo*, tingħata biss riċevuta bħala tali *unitised cargo*;

Illi di più a bażi ta' l-artikolu 90 u *Schedule 13*, tali merkanzija, minħabba l-kobor tagħha, l-impurtatur jaf li tinħażen *in the open and always at the sole risk of the owner* u għalhekk f'dan il-każ is-soċjetà konvenuta mhix responsabbli. Salvi *eċċezzjonijiet ulterjuri*";

Mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ġunju, 1995 jidher li l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni ulterjuri appena reġistrata. B'sentenza tad-29 ta' Mejju, 1996, l-Ewwel Qorti minflok iddeċidiet din l-eċċezzjoni ulterjuri għaddiet biex tiddeċidi ukoll il-meritu billi rrespinġiet l-eċċezzjonijiet kollha ssollevati mis-soċjetà appellanti u laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha waqt li lliberat is-soċjetà konvenuta l-oħra s-Sea Malta Company Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-imgħaxijiet *mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż* kollha kontra s-soċjetà appellanti;

Ser *jiġi qabel xejn ikkunsidrat biss l-aggravju dwar in-*nullità tas-sentenza għaliex jekk dan jirriżulta ġustifikat, din il-Qorti ma kellhiex għalfejn tiddelibera l-meritu imma jkollha tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti biex tiddeċidi l-kawża skond kif minnha stess ikkunsidrat. Dan ukoll għaliex mis-sentenza appellata jidher illi waqt li l-Ewwel Qorti ħadet konjizzjoni tal-meritu tal-kawża naqset għal kollox li tikkunsidra l-eċċezzjoni *ulterjuri u allura ma jidhirx li ddeċidiet dak li, skond il-verbal* tagħha stess, kienet tenuta li tiddeċidi qabel kull kwistjoni oħra;

*Dan l-aggravju jirriżulta ġustifikat. Indubbjament l-Ewwel* Qorti ma segwitx l-*iter* proċedurali li hi stess stabbilit għas-smigħ tal-kawża u ddeċidiet il-meritu meta dan ma kienx ġie ttrattat quddiemha u meta kien ġie vverbalizzat li l-Qorti kellha tieħu f'dak l-istadju konsiderazzjoni biss u tiddeċidi l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà appellanti kif fuq aċċennat. Il-Qorti fis-sentenza tagħha mhux biss għaddiet biex tiddeċidi l-

meritu qabel ma l-kontendenti kellhom l-opportunità li jipproduċu l-provi tagħhom u jittrattaw dwarhom quddiemha imma ukoll naqset li tiddeċidi eċċezzjoni tas-soċjetà appellanti li kienet tikkontesta proprju r-responsabbilità tagħha għat-talbiet attriċi fuq bażi ta' dritt meta dwar din l-eċċezzjoni kienu saru *mill-kontendenti anke sottomissjonijiet bil-miktub limitati* għall-punt ta' dritt taħt eżami. Indubbjament allura s-sentenza appellata bir-raġun ssorprendiet lill-kontendenti u ngħatat in vjolazzjoni tal-prinċipju fondamentali ta' l-*audi alteram partem*. Jeħtieġ allura li din is-sentenza tiġi annullata kif ġie kostantement ritenut li kellu jsir f'ċirkostanzi simili minn din il-Qorti:

"Quddiem l-Ewwel Qorti ġiet ittrattata eċċezzjoni prelimari u l-kawża ġiet iddifferita għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni. Fil-fatt ingħatat sentenza fuq eċċezzjoni ulterjuri u mhux dik preliminari;

Il-Qorti ta' l-Appell annullat għalhekk is-sentenza u rrimettiet lura l-atti lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni";

(Appell, **Francis Cremona** ***nomine vs*** **Rita Gauci**, deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Lulju, 1987);

"Minn eżami tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti minflok li fis-sentenza llimitat ruħha biex tiddeċidi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għaddiet ukoll biex tikkunsidra u tiddeċidi t-tieni waħda ukoll u spiċċat biex ċaħdithom it-tnejn;

B'dan l-aġir tagħha l-Ewwel Qorti ġiet li ddeċidiet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut mingħajr ma' dan kellu jew ġie mogħti l-opportunità li jittratta fuqha u jressaq provi dwarha fosthom id-dokumenti msemmija fil-petizzjoni tiegħu;

Minħabba dan ukoll ġie miksur il-prinċipju tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem* u dan kollu jimporta nullità tas-sentenza appellata";

(**Tony Demajo** ***nomine vs*** **Emmanuel Vella**, deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Frar, 1993);

Similment u b'mod analogu din il-Qorti annullat sentenza ta' l-Ewwel Qorti għaliex sabet illi dik il-kawża kienet ġiet deċiża mingħajr ma kienet tħalliet għas-sentenza (**Alfred Gatt** ***nomine vs*** **Godwin Abela** ***et nomine***, deċiża fit-28 ta' Lulju, 1987). Similment ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali b'sentenza tal-31 ta' Awissu, 1990, iddikjarat li r-rikorrent kien sofra vjolazzjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq għaliex il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet iddeċidiet il-meritu meta l-kawża kienet tinsab għas-sentenza fuq eċċezzjoni preliminari. Il-Prim'Awla kienet iddikjarat nulla u bla effett is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u poġġiet ir-rikorrent akkużat fil-posizzjoni li kien fiha mmedjatament qabel il-pronunzjament ta' dik is-sentenza. Dik is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ġiet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali (**Simon Brincat** ***vs*** **L-Onorevoli Prim Ministru** - *deċiża fis-27 ta' Ġunju, 1994)*;

L-appell għandu għalhekk jiġi milqugħ;

Għal dawn il-motivi s-sentenza appellata qed tiġi ddikjarata nulla u bla effett fil-liġi. L-atti qed jiġu rimessi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni u biex tiġi qabel xejn deċiża l-eċċezzjoni ulterjuri kif ivverbalizzat fis-seduta tas-26 ta' Ġunju, 1995, fuq reġistrat;

L-ispejjeż, kemm tal-prim'istanza kif ukoll ta' dan l-appell xieraq li jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.